

Brussell, 26 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11933/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0238(NLE)

ECOFIN 815
FIN 882
UEM 211

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 399 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 399 final.

Mehmuż: COM(2022) 399 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.8.2022
COM(2022) 399 final

2022/0238 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ
temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex
jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill 2020/672 (“ir-Regolament SURE”) jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew li huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ bis-saħħa ta’ SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jiproteġu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u b’hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala wieħed anċillari, ta’ xi miżuri relatati mas-saħħa, b’mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-7 ta’ Awwissu 2020, il-Bulgarija talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni u fil-25 ta’ Settembru 2020, bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 tagħha, il-Kunsill ta’ assistenza finanzjarja lill-Bulgarija bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirrispondi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema.

Fit-23 ta’ Ġunju 2022, il-Bulgarija reġgħet talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE.

F’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat mal-awtoritajiet Bulgari biex tivverifika ż-żieda f’daqqa u severa fin-nefqa reali u ppjanata direttament relatata mal-miżuri tas-suq tax-xogħol tal-Bulgarija u kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. B’mod partikolari, dan jirrigwarda miżura eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343:

L-iskema tikkonċerna l-għoti ta’ sussidji tal-pagi lill-impriżi, li, minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, esperjenzaw tnaqqis sinifikanti fl-attività tagħhom u, fin-nuqqas tal-miżuri, ma kinux ikunu jistgħu jippreservaw l-impjiegi. Is-sussidju tal-pagi ta’ kull xahar lill-impriżi eliġibbli jammonta bejn 50 % u 60 % tas-salarju gross ta’ kull xahar (inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur) tal-persunal benefiċjarju, skont id-daqs tat-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ.

Il-Bulgarija pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni biex tingħata assistenza finanzjarja lill-Bulgarija bis-saħħa tar-Regolament SURE b’appoġġ għall-miżuri ta’ hawn fuq.

- **Konsistenza ma’ dispożizzjonijiet ta’ politika eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li l-proposta qed issir bis-saħħa tiegħu.

Din il-proposta ġejja appartni strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdni appoġġ lill-Istati Membri f’każ ta’ emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’ Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) (“ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002”). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta’ Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppata b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-“Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus”, u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwetq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bl-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għal ġestjoni finanzjarja;

- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurat li jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mill-Bulgarija fis-7 ta' Awwissu 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343², ta għajjnuna finanzjarja lill-Bulgarija fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 511 000 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibbiltà ta' 18-il xahar, bil-ħsieb li jiġu kkumplimentati l-isforzi nazzjonali tal-Bulgarija biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirrispondi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża mill-Bulgarija biex jiġu ffinanzjati l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 għadha qed tipparalizza parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fil-Bulgarija. Dan wassal għal żieda f'daqqa u qawwiya fin-nefqa pubblika fil-Bulgarija fir-rigward tal-miżura msemmija fl-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343.
- (4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinari li implimentat il-Bulgarija fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex trażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku kif ukoll dak relatat mas-saħħa tagħha kellhom u għad għandhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, il-Bulgarija kellha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 4,0 % u 24,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament, li żdiedu għal 4,1 % u 25,1 % rispettivament fi tmiem l-2021. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni, il-Bulgarija hija mbassra li jkollha defiċit tal-gvern ġenerali u dejn ta'

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 314, 29.09.2020, p. 10.

3,7 % u 25,3 % tal-PDG rispettivament sa tmiem l-2022. Il-PDG tal-Bulgarija huwa proġettat li jżied b' 2,1 % fl-2022.

- (5) Fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Bulgarija talbet assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni fl-ammont ta' EUR 460 170 000 bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema. B'mod partikolari, il-Bulgarija estendiet aktar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili stabbiliti fil-premessa 6.
- (6) Is-sussidju tal-pagi jingħata lil impriżi li, minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, sofrew tnaqqis fid-dħul ta' mill-inqas 30 % minħabba restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tagħhom bejn it-13 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020. Huwa meħtieġ li waqt il-parteċi-pazzjoni fil-miżura u għal perijodu ekwivalenti wara li tispiċċa l-impjeg tal-impjegati jiġi ppreservat. Is-sussidju tal-pagi ta' kull xahar lill-impriżi eliġibbli jammonta għal bejn 50 u 60 % tas-salarju gross ta' kull xahar tal-impjegat (inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi), skont id-daqs tat-tnaqqis fid-dħul. Il-miżura hija estensjoni tal-miżura deskritta fl-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343, kif previst fid-Digriet Nru 151 tat-3 ta' Lulju 2020 tal-Kunsill tal-Ministri u emendat bid-Digriet Nru 278 tat-12 ta' Ottubru 2020, id-Digriet Nru 416 tat-30 ta' Diċembru 2020, id-Digriet Nru 93 tat-18 ta' Marzu 2021, id-Digriet Nru 213 tal-1 ta' Lulju 2021, id-Digriet Nru 322 tas-7 ta' Ottubru 2021, id-Digriet Nru 482 tat-30 ta' Diċembru 2021 u d-Digriet Nru 40 tal-31 ta' Marzu 2022³.
- (7) Il-Bulgarija tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Bulgarija pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u pplanata żdiedet b'EUR 1 015 050 000 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Din jikkostitwixxi żieda f'daqqa u qawwija minħabba li hija relatata wkoll ma' estensjoni jew emenda ta' miżuri nazzjonali eżistenti dwar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti ta' impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Bulgarija. Il-Bulgarija beħsiebha tiffinanzja EUR 43 880 000 tal-ammont miżjud tan-nefqa permezz tal-fondi tagħha stess.
- (8) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Bulgarija u vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika attwali u pplanata direttament relatata mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili kif imsemmija fit-talba tat-23 ta' Ġunju 2022, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Bulgarija tiġi meġhuna tindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-taqlib ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.

³ Prom. Il-Gazzetta tal-Istat Nru 60 tas-07 ta' Lulju 2020, emendat u ssupplimentat SG Nru 89 tas-16 ta' Ottubru 2020, issupplimentat is-SG Nru 110 tad-29 ta' Diċembru 2020, emendat is-SG Nru 2 tat-08 ta' Jannar 2021, emendat u ssupplimentat SG Nru 24 tat-23 ta' Marzu 2021, emendat u ssupplimentat SG Nru 56 tas-06 ta' Lulju 2021, emendat u ssupplimentat SG Nru 85 tat-12 ta' Ottubru 2021, issupplimentat SG Nru 97 tad-19 ta' Novembru 2021, emendat SG Nru 1 tal-04 ta' Jannar 2022, emendat SG Nru 27 tal-05 ta' April 2022.

- (10) Minħabba li l-perjodu ta' disponibbiltà indikat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343 skada, huwa meħtieġ perjodu ġdid ta' disponibbiltà għall-assistenza finanzjarja addizzjonali. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-assistenza finanzjarja mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343 jenħtieġ li jiġi estiż b'21 xahar u b'konsegwenza ta' dan il-perjodu ta' disponibbiltà totali jenħtieġ li jkun ta' 39 xahar li jibda mill-ewwel jum wara li tkun daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343.
- (11) Jenħtieġ li l-Bulgarija u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim ta' self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (12) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (13) Jenħtieġ li l-Bulgarija tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Bulgarija implimentat dik in-nefqa.
- (14) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u mistennija tal-Bulgarija, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Bulgarija self li jammonta għal massimu ta' EUR 971 170 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.”;
 - (b) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-għajjnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 39-il xahar li jibdeu mill-ewwel jum wara li din id-Deċiżjoni ssir effettiva.”
 - (c) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kwalunkwe ħlas parzjali sussegwenti għandu jiġi rilaxxat f'konformità mat-termini ta' dak il-ftehim ta' self jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' addendum għal dan,

jew ta' ftehim ta' self emendat konkluż bejn il-Bulgarija u l-Kummissjoni li jissostitwixxi l-ftehim ta' self oriġinali.”;

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-Bulgarija tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

- (a) sussidji tal-pagi lill-impriżi, kif previst fid-“Digriet Nru 55 tat-30 ta' Marzu 2020 tal-Kunsill tal-Ministri;
- (b) sussidji tal-pagi lill-impriżi kif previst fid-Digriet Nru 151 tat-3 ta' Lulju 2020 tal-Kunsill tal-Ministri kif emendat mid-Digriet Nru 278 tat-12 ta' Ottubru 2020, id-Digriet Nru 416 tat-30 ta' Diċembru 2020, id-Digriet Nru 93 tat-18 ta' Marzu 2021, id-Digriet Nru 213 tal-1 ta' Lulju 2021, id-Digriet Nru 322 tas-7 ta' Ottubru 2021, id-Digriet Nru 482 tat-30 ta' Diċembru 2021 u d-Digriet Nru 40 tal-31 ta' Marzu 2022.

(3) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 4

1. Il-Bulgarija għandha tinforma lill-Kummissjoni sat-30 ta' Marzu 2021, u kull sitt xhur wara l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata b'mod sħiħ.
2. Fejn il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 ikunu bbażati fuq nefqa pubblika ppjanata u jkunu ġew soġġetti għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343, il-Bulgarija għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, u kull sitt xhur minn hemm 'il quddiem dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata bis-sħiħ.” .

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*